MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2007

Numru 505/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Geoffrey Azzopardi)**
**vs**
**Philip Camilleri**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Philip Camilleri** ta' 23 sena, bin Anthony u Maryanne nee' Giordmania, imwieled Pieta' fid-9 ta' Settembru, 1981, residenti Flt 2, Blk C1, Triq Gianni Bonnici, Zebbug u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 519181(M);

Talli fil-5 ta' Gunju, 2005 ghall-habta tas-2.30p.m fil-Hamrun, flimkien ma' persuni ohra, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' dak ta' serq ikkwalifikat minn go residenza provata ta' anzjana, wera' dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-

volonta' tieghu, u li kieku sehh kien ikn ikwalifikat bil-mezz, lok u l-valur li jeccedi l-elf lira Maltin [Lm1,000] ghad-dannu ta' Maria Mangiafico mill-Hamurn;

U aktar nakkuzawh talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fil-bieb ta' barra tar-residenza, liema hsara, li tiskorri l-ghaxar liri [Lm10] izda hija inqas minn hamsin lira [Lm50] saret ghad-dannu ta' l-imsemmija Maria Mangiafico.

Rat n-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-avukat generali ghal dak li hemm ravvizat fl-artikoli 41(1) (a), 261 (b) (c) (e), 263 sa 267, 269, 278, 279, 280, 281 u 325 tal-Kap 9, u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-prosekuzzjoni ressqet lill-imputat sabiex ikun iggudikat minn din il-Qorti wara li tlett pulizija allegaw illi fil-waqt li kienu ghaddejjin bil-vettura taghhom innutaw tlett persuni fejn wiehed minnhom kien qed jipprova jisgassa il-bieb ta' barra ta' residenza.  Kif dawn indunaw bil-pulizija telqu jigru u hemm beda insegwiment fejn inqabad wiehed biss minnhom.  PS 321 xehed illi kif kien ghaddej flimkien ma zewg pulizija ohra f'karozza ta' kuntistabbli, innutaw tlett perusni  fejn tnejn minnhom kienu baxxuti u wiehed kien qed jaghmel xi mossa mal-bieb.  Kif waqfu u bdew jirriversjaw, dawn harbu minn fuq il-post u l-pulizija telqu jigru warajhom.  PS 321 baqa' jsegwi l-persuna li lemah b'T-shirt isfar u PC 343 lahaq mieghu, qabez fuqu u immanetjawh.  Dak il-persuna kien l-imputat li ingharaf mix-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni.  Fuq il-bieb fejn intlemah l-imputat kien innotat speci ta' daqqiet.

Sid il-fond, mara anzjana, xehedet illi dak il-hin kienet barra peress illi tkun qed taghmel xoghol volontarju ma'

anzjani. Hija qalet li meta irritornat id-dar ma setghetx tiftah il-bieb ghaliex ma setghetx iddawwar ic-cavetta u wara li ssarat mieghu infetah u innutat “qisu toqba, bhal meta wiehed jipprova jisgassa xi bieb” (ara fol. 22) izda minkejja dan hadd ma kien dahal gewwa d-dar. Il-Pulizija kienu infurmawha b’dak li kien gara u halset hamsin lira biex biddlet is-sellatura tal-bieb. Din ix-xhud qalet illi l-valur ta’ oggetti fid-dar taghha li setghu jingarru facilment kienu jammontaw ghall-Lm2700;

Ikkunsidrat illi dan ix-xenarju kienu xhieda tieghu tlett pulizija li dak il-hin ma kienux xoghol u anqas kienu jahdmu f’dak id-distrett. It-tlett pulizija xehedu illi l-attitudini tat-tlett persuni li lemhu kienu suspettuzi u meta waqfu biex jaraw x’kienu qed jaghmlu dawn harbu minn fuq il-post. Fl-ewwel lok il-Qorti ma ghandha l-ebda raguni tiddubita jekk il-wahda mill-persuni insegwiti u finalment maqbuda kienet l-imputat ghaliex huma stess qalu li dan kien wiehed mit-tlieta li b’certezza raw fejn il-bieb in kwistjoni;

Kwantu l-attentat inniffsu, sid il-fond xehedet illi meta rritornat lura d-dar hija ma setghetx tiftah il-bieb ghaliex ic-cavetta ma setghetx iddawwar is-sallatura li garbat hsarat tant li kellha tinbidel. Hija nnutat ukoll illi kien hemm hsara mal-bieb kompatibbli ma’ attentat ta’ sgass. Illi ghalhekk is-sottomissjoni tad-difiza li min kien fejn il-bieb seta ried jaghmel hsara volontarja u mhux necessarjament jizgassa l-fond hija wahda mhix kompatibbli mal-fattispecie tal-kaz.

Ikkunsidrat inoltre illi l-element tar-rejat ta’ attentat ta’ serq f’dan il-kaz javvera ruhu meta l-persuna turi dan il-hsieb b’atti esterni li f’dan il-kaz huma l-presenza tal-imputat fuq il-post u l-hsara fuq il-bieb li kienet kawzata bl-iskop li jkun sgassat l-istess bieb. Minkejja li hemm diversi tioriji ta’ awturi minn diversi skejjel fuq dan is-suggett, il-Qrati taghna qatt ma addottaw teorija wahda proprju inhabba l-fatt illi instab diversi drabi illi dawn fihom difetti serji u li l-ebda teorija ma tista’ tkun erogata b’mod sistematiku ghall-kull kaz stante li kull kaz hu divers minn iehor.

Jehtieg ikun ghalhekk deciz jekk il-prosekuzzjoni irnexxielhiex tipprova li bl-azzjoni tal-imputat kien intlahaq dak il-mument krucjali fl-iter tal-atti u cioe l-bidu tal-esekuzzjoni tal-att ta' serq. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Nazzareno sive Reo Zarb (deciza 23.02.1993 Koll Vol LXXVII Pt III – V fol 378 et seq**) kienet irriteniet hekk:

Din il-Qorti hi fal-fehma illi sakemm l-imputat baqa' jhabbat biss fuq il-bieb u jcempel il-qanpiena, jista' jkun li kien hemm dubju dwar jekk sa dak l-istadju biss kinux jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-ligi biex ikun hemm it-tentattiv tas-serq u din il-Qorti hija propensa li thgid illi f'dawn ic-cirkostanzi kienet issibha difficcli biex tasal ghall-konkluzzjoni li kien jissusisti t-tentattiv. Pero' l-imputat mar oltre billi wara illi cempel il-qnapiena diversi drabi u anke habbat u sabbat mal-bieb tad-dar imsemmija, huwa mar jipprova jisforza biex jiftah it-tieqa u kien f'dan il-mument illi lemah u gie identifikat….Fil-fehma ta' din il-Qorti, malli l-imputat miss it-tieqa, mas setax ikun hemm aktar dubju li kien oltrepassa l-fruntiera li tifred l-atti preparatorji minn dawk li jaghtu bidu ghal-esekuzzjoni tad-delitt.

Skond l-insenjament tal-Qorti mil-fuq citata sentenza, jekk l-attentat kien sehh appena l-imputat mess it-tieqa, *mundo magis* sehh l-attentat jekk apparti li mess il-bieb kien diga beda l-izgass proprju bill ghamel hsara fis-sellatura tieghu. L-izgass ma sehhx semplicement ghaliex il-malviventi kienu intercettati mill-Pulizija li b'kumbinazzjoni insertaw fuq il-post.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, l-elementi kollha ta' dan ir-rejat huma kollha prezenti u ghal dawn il-mottivi qed issib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza. L-istess jinghad ghal-hsara kagunata fuq il-bieb tal-fond in kwistjoni u qed issib lill-imputat hati ukoll tat-tieni akkuza;

Wara li rat l-artikoli artikoli 41(1) (a), 261 (b) (c) (e), 263 sa 267, 269, 278, 279, 280, 281 u 325 tal-Kap 9;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat tghazel illi tnaqqas il-piena

applikabbli b'zewg gradi skond l-artikolu 41 (1) tal-Kap 9 u b'hekk tikkundanna lill-imputat ghal terminu ta' prigunerija ta' sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------